**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ġimgħa, għoxrin (20) ta' Settembru 2024

Kawża Nru 5878/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rachel Aquilina)**

Vs

**Norbert Bellia**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Norbert Bellia**, iben Emanuel u Antonia nee Darmanin, imwieled fil-ħdax (11) ta' Lulju 1981 u residenti 10, "Ġawhra", Triq l-Għelejjel, Gudja, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 372081(M) talli fil-ħmistax (15) ta' Novembru 2023 għall-ħabta ta' nofsinhar u tlieta u għoxrin minuta (12:23hrs) ġewwa Triq tal-Barrani, Żejtun saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBU 602:

(1) mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda)[1];

(2) saq u għamel użu mill-imsemmija vettura mingħajr pjanċi tar-reġistrazzjoni.[2]

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata mil-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Semgħet lix-xhieda prodotti mid-difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ fil-qosor huma s-segwenti: nhar il-ħmistax (15) ta' Diċembru 2023 waqt li l-vettura KBU 602 kienet qed tiġi spezzjonata fil-Vehicle Inspection Unit f'Ħal-Luqa, Malta mill-Uffiċjali ta' Transport

[1] Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, Regolament 32(7).

Malta, ġie innutat li l-vettura kienet waslet fl-istess uffiċini mingħajr liċenzja imwaħħla jew imġedda u bi pjanċa waħda flok bi tnejn ta' Trial Run b'numru Trial Run 81. Minn verifiki li saru mill-uffiċjali ta' Transport Malta dak il-ħin stess mas-sistema tagħhom, irriżulta li dik il-vettura kellha l-pjanċi iggaraxxjati. It-trial run li intużat kienet reġistrata fuq ċertu Buhagiar Motors. Meta is-sewwieq li ġie identifikat bħala Norbert Malli ġie mistoqsi kif ġiet għandu l-pjanċa tat-Trial Run, huwa wieġeb li din kienet ġiet mislufa lilu biex jitla' għall-ispezzjoni tal-vettura. Il-pjanċa tat-Trial Run ġiet konfiskata peress li s-sid tat-Trial Run ma kienx preżenti mas-Sur Bellia u għalhekk il-pjanċi ma setgħtux jintużaw. Eventwalment ittieħdu l-proċeduri odjerni fil-konfront tal-akkużat għal dawn in-nuqqasijiet.

Ikkunsidrat;

Huwa evidenti li l-akkuża kif formulata ma tirriflettix dak li xehdu dwaru l-Ispetturi ta' Transport Malta: hemm kunflitt bejn l-akkuża u l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni stess. Għalkemm l-Ispetturi jispjegaw fl-affidavits tagħhom li l-allegat każ seħħ fil-ħmistax (15) ta' Diċembru 2023 fil-Vehicle Inspection Unit, Luqa, Malta l-akkuża qed tgħid li l-każ seħħ fil-ħmistax (15) ta' Novembru 2023 waqt li l-vettura kienet qiegħda tinstaq fi Triq tal-Barrani, Żejtun, Malta: diverġenza għalhekk kemm fil-lok kif wkoll fid-data ta' fejn seħħ l-allegat reat.

L-akkużat min-naħa tiegħu ressaq provi li fil-ħmistax (15) ta' Novembru 2023, il-vettura tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni KBU 602 kienet qiegħda żarmata għand il-mechanic tiegħu. Anke l-istess mechanic li għandu kienet il-vettura xehed f'dawn il-proċeduri u ikkonferma bil-ġurament tiegħu kif bejn l-aħħar ta' Ottubru 2023 u l-bidu ta' Diċembru 2023 il-vettura KBU 602 kienet għandu. Għalhekk żgur li fid-data indikata fl-akkuża l-vettura ma setgħetx kienet qiegħda tinstaq kif allegat fl-istess akkuża. Din il-prova tikkontradixxi dak li qed jiġi allegat fl-istess akkuża.

Il-Qorti hija marbuta bil-parametri ta' kif inhi formulata l-akkuża u ma tistax tagħmel tajjeb hija stess għan-nuqqasijiet tal-Prosekuzzjoni. Huwa ċar li d-data u l-lok tal-akkuża kellhom jkunu ħmistax (15) ta' Diċembru 2023 fil-limiti ta' Ħal-Luqa.

Il-Prosekuzzjoni indunat bin-nuqqasijiet tagħha u bil-fatt li d-data u l-lok tal-akkuża kienu qegħdin indikati ħażin **<u>wara</u>** li l-istess Prosekuzzjoni kienet ġia għalqet il-provi, preċiżament wara li xehed l-akkużat u speċifika li fid-data tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2023, il-vettura in kwistjoni kienet għand il-*mechanic* tiegħu u għalhekk żgur li ma setax kien il-każ li din kienet qed tinstaq kif allegat fl-istess komparixxi.

Il-Prosekuzzjoni f'dak l-istadju li fih kienu waslu l-proċeduri u ċioe wara li hija kienet ġia għalqet il-provi u l-akkużat kien ġia ħa l-pedana tax-xhieda, ippruvat li titlob korrezzjoni fl-akkużi. Din it-talba ma ġietx

verbalizzata b'mod formali iżda tissemma mill-Uffiċjal Prosekutur meta kienet se tibda l-kontro-eżami tal-akkużat u saru wkoll sottomissjonijiet fuqha.

Fis-sottomissjonijiet tagħha l-Prosekuzzjoni sostniet li hija kienet intitolata li titlob korrezzjoni fl-akkużi fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri u dan a tenur tal-artikolu 599 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti l-fatt li l-artikolu in kwistjoni jirreferi għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali u mhux għall-kawżi sommarji, din il-Qorti tqis li talbiet simili għall-korrezzjoni għandhom isiru tempestivament[3] u fl-istadju meta l-istess Prosekuzzjoni tkun għadha m'għaqlitx il-provi tagħha jew inkella almenu fl-istadju fejn għalkemm il-Prosekuzzjoni tkun għalqet il-provi, l-akkużat jkun għadu ma bediex iressaq il-provi tiegħu. Dan għar-raġunijiet ben spjegati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Rita Zammit*** deċiża fl-erbatax (14) ta' April 2005 (Appell Numru 291/2004). Iċ-ċirkostanzi tal-każ ta' Rita Zammit kienu simili għal dak tal-każ odjern fejn it-talba għall-korrezzjoni saret mill-Prosekuzzjoni wara li l-istess Prosekuzzjoni kienet ġia għalqet il-provi. L-unika differenza kienet li fil-każ ta' Zammit, il-kawża kienet ġia ġiet differita għas-sentenza meta sar ir-rikors biex tintalab il-korrezzjoni.

---

[3] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa** (Appell Kriminali Numru 84/2005), deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tmintax (18) ta' Ottubru 2005 kif wkoll **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** (Appell Kriminali Numru 508/2010) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-19 ta' Ottubru 2011.

L-Ewwel Qorti kienet ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex issir il-korrezzjoni fid-data tal-akkuża, deċiżjoni li qablet magħha wkoll il-Qorti tal-Appell Kriminali li sostniet:

> *"Għal kull buon fini pero' jiġi osservat bħala linea ta' gwida li l-Ewwel Qorti għamlet sew li ma laqgħetx it-talba għall-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni f' ċirkostanza tant materjali w sostanzjali bħal ma hija d-data tal-kommissjoni tal-allegat reat, wara li mhux biss kienu ġew konklużi l-provi tal-prosekuzzjoni, imma saħansitra kienet xehdet l-appellata u għalqet il-provi tagħha w saret it-trattazzjoni mid-difiża w saħansitra l-kawża kienet ġja differita għas-sentenza. Meta l-appellata ddeċidiet li toffri x-xhieda tagħha, hija kellha sitwazzjoni kristallizata quddiemha u cioe' serje ta' provi li kollha jindikaw li l-allegat reat kien ġara xahrejn qabel id-data indikata, sia pure erronjament mill-prosekuzzjoni, fl-akkuża. Għalhekk meta ppreparat id-difiza tagħha kellha kull dritt tistenna li ma jiċċaqalqux il-lasti w l-parametri tal-akkuża minn dawk li kienu sa mill-bidu nett tal-kawża. Altrimenti, kieku jiġu ammessi korrezzjonijiet ta' natura hekk sostanzjali, wara li jkun xehed l-akkużat u d-difiża*

> *tkun għalqet il-każ tagħha, dan ikun abbuż lampanti mill-proċess penali a skapitu tal-persuna akkużata w tali aġir, apparti li fil-fehma ta' din il-Qorti ikun jikkostitwixxi minaċċja serja għad-dritt ta' smiegħ xieraq, ikun qed ikun inġust mad-difiża w mal-akkużat b' mod li joħloq preġudizzju w dannu rrimedjabbli."*[4]

Din il-Qorti tissottolinea li l-Prosekuzzjoni kellha kull opportunita li hija tagħmel il-verifiki neċessarji u titlob il-korrezzjoni qabel. Ix-xhieda li ipproduċiet il-Prosekuzzjoni kienu kollha xhieda bil-mezz tal-affidavits. L-affidavits tal-uffiċjali li għamlu l-ispezzjoni inħalfu fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju 2024 u għalhekk din il-Qorti temmen li dawn l-affidavits kienu f'idejn il-Pulizija fi żmien utili tajjeb sabiex qabel is-seduta tal-lum il-Pulizija tieħu konjizzjoni tagħhom u anke tara li dawn qed jirriflettu l-akkużi kif inħarġu. Dan jidher li ma sarx; anzi l-Prosekuzzjoni indunat li d-dettalji fil-komparixxi kienu żbaljati wara li kien hemm mistoqsija speċifika min-naħa tad-difiża waqt li kien qed isir l-eżami tal-akkużat. Dan wara li l-istess akkużat għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. Għalhekk altru li t-talba għall-korrezzjoni ma saritx tempestivament. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk il-Qorti ma tistax tippermetti li jkun hemm l-korrezzjonijiet li qed titlob li jsiru l-Prosekuzzjoni u konsegwentement qed tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-korrezzjoni.

[4] Paġna 5 u 6 tas-sentenza.

La darba kif ġia sottolineat hemm kunflitt bejn l-akkużi u l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni stess kif wkoll kunflitt bejn l-akkużi u l-provi prodotti mid-difiża, din il-Qorti ma tistax tasal biex issib ħtija fl-akkużat għall-akkużi li qegħdin jiġi addebitati lilu.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati** tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**